KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WAHL
ippreżentati fis-16 ta' Lulju 2015 [1]

Kawża C-338/14

Quenon K. SPRL
vs
Citibank Belgium SAu
Citilife SA, li saret Metlife Insurance SA,

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour d'appel de Brussell (il-Belġju)],

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Aġenti kummerċjali indipendenti — Direttiva 86/653/KEE — Artikolu 17(2) — Dritt tal-aġent kummerċjali għal kumpens fil-każ ta' terminazzjoni tal-kuntratt ta' aġenzija — Indennizz għat-telf ta' klijentela jew kumpens għad-dannu — Kumulu — Danni komplementari għall-indennizz għat-telf ta' klijentela — Ammissibbiltà"

1. Jidher li ġie stabbilit sew fid-dritt tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li t-terminazzjoni ta' kuntratt ta' aġenzija kummerċjali huwa ta' natura li joħloq preġudizzju għall-aġent kummerċjali u li tali sitwazzjoni għandha, bħala prinċipju, tagħtih id-dritt għal kumpens finanzjarju. Fil-fatt, ir-revoka tal-mandat tal-imsemmi aġent, li tneħħilu s-setgħa ta' rappreżentanza tiegħu, hija ta' natura li ttellfu parti mis-suq li kien stabbilixxa ruħu fih jew li kellu u, għaldaqstant, iċċaħħdu mill-potenzjal ta' gwadann finanzjarju ġġenerat mill-isforzi kummerċjali li kien wettaq in komuni mal-prinċipal.

2. L-għażla mogħtija lill-Istati Membri mill-Artikolu 17 tad-Direttiva 86/653/KEE [2] bejn iż-żewġ mekkaniżmi ta' kumpens għad-danni, jiġifieri l-għoti ta' indennizz ikkalkolat fir-rigward tal-kontribuzzjoni jew tal-iżvilupp tal-klijentela mill-aġent kummerċjali jew ukoll il-kumpens għad-dannu subit minħabba t-terminazzjoni tal-kuntratt, ma kinitx madankollu nieqsa minn diffikultajiet [3]. Din tkompli tqajjem numru tajjeb ta' domandi, hekk kif turi din it-talba għal deċiżjoni preliminari.

3. Fil-kawża preżenti, il-Cour d'appel de Bruxelles (il-Belġju) għandha l-intenzjoni, effettivament, li tikseb mingħand il-Qorti tal-Ġustizzja ċerti kjarifiki dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 86/653. Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Quenon K. SPRL (iktar 'il quddiem "Quenon") u Citibank Belgium SA (iktar 'il quddiem "Citibank") flimkien ma' Citilife SA (iktar 'il quddiem "Citilife") li saret Metlife Insurance SA, dwar il-ħlas ta' indennizz u ta' kumpens għad-danni mitluba minn Quenon wara t-terminazzjoni ta' kuntratti ta' aġenzija li kienu jorbtuhom.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Direttiva tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 1986, dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membru li jirrigwardaw aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 177).

3 — Ara, b'mod partikolari, id-diffikultajiet ta' interpretazzjoni msemmija fir-rapport tal-Kummissjoni tal-23 ta' Lulju 1996 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 17 tad-Direttiva 86/653 [COM(96) 364 finali, p. 10 sa 13, iktar 'il quddiem ir-"rapport tal-1996"]. Dan huwa kkonfermat ukoll mill-evalwazzjonijiet kritiċi magħmula fuq il-koeżistenza ta' żewġ tipi ta' approċċ leġiżlattiv differenti fi ħdan l-istess direttiva (ara, b'mod partikolari, il-punt 18 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Dritt Ewropew dwar il-kuntratti iktar koerenti – Pjan ta' azzjoni [COM(2003) 68 finali]).

Hija tistieden iktar preċiżament lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħti deċiżjoni dwar l-artikolazzjoni bejn is-sistema ta' indennizz prevista fl-Artikolu 17(2)(a) u (b) ta' din id-direttiva u l-possibbiltà eventwali għall-aġent kummerċjali sabiex iressaq talba għad-danni b'applikazzjoni tal-punt (ċ) ta' din l-istess dispożizzjoni.

I – Il-kuntest ġuridiku

A – *Id-dritt tal-Unjoni*

4. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 86/653 jipprovdi:

"1. Il-miżuri ta' armonizzazzjoni stipulati minn din id-Direttiva għandhom japplikaw għall-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn aġenti kummerċjali u l-prinċipali tagħhom.

2. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, 'aġent kummerċjali' għandu jfisser intermedjarju li jaħdem għal rasu li jkollu awtorità kontinwa li jinnegozja l-bejgħ jew ix-xiri ta' merkanzija f'isem persuna oħra, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa l-'prinċipal', jew li jinnegozja u jikkonkludi dawn l-operazzjonijiet għan-nom ta' u f'isem dak il-prinċipal.

[...]"

5. L-Artikolu 17(1) sa (3) tal-imsemmija direttiva jistabbilixxi:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jassiguraw li l-aġent kummerċjali jkun, wara t-terminu tal-kuntratt ta' l-aġenzija, indennizzat skond il-paragrafu 2 jew ikkumpensat għad-danni skond il-paragrafu 3.

2.

a) L-aġent kummerċjali għandu jkun intitolat għal indennizz jekk u sal-limiti li:

— ikun ressaq lill-klijenti prinċipali ġodda jew ikun żied b'mod sinfikanti l-volum tan-negozju ma' klijenti eżistenti u l-prinċipal jibqa' jieħu benefiċċji sostanzjali min-negozju ma' dawn il-klijenti,

u

— il-ħlas ta' dan l-indennizz ikun indaqs fir-rigward taċ-ċirkostanzi kollha u, b'mod partikolari, il-kommissjoni mitlufa mill-aġent kummerċjali fuq in-negozju mwettaq ma' dawk il-klijenti. […]

b) L-ammont ta' l-indennizz ma jistax jeċċedi figura ekwivalenti għal indennizz għal sena waħda ikkalkolata mir-remunerazzjoni annwali medja ta' aġent kummerċjali tul il-ħames snin preċedenti u jekk il-kuntratt imur lura anqas minn ħames snin, l-indennnizz għandu jiġi kkalkolat fuq il-medja tal-perijodu in kwistjoni;

ċ) Il-għotja ta' dan l-indennizz m'għandiex iżżomm lill-aġent kummerċjali milli jfittex għad-danni.

3. L-aġent kummerċjali għandu jkun intitolat għal indennizz għad-danni li hu jsofri bħala riżultat tat-terminazzjoni tar-relazzjonijiet tiegħu mal-prinċipal.Dawn id-danni għandhom jitqiesu li jseħħu b'mod partikolari meta sseħħ it-terminazzjoni f'ċirkostanzi:

— li jċaħħdu lill-aġent kummerċjali mill-kommissjoni li twettiq tajjeb tal-kuntratt ta' l-aġenzija jkun akkwistalu waqt li jipprovdi lill-prinċipal b'benefiċċji sostanzjali marbuta ma' l-attivitajiet ta' l-aġent kummerċjali,

— u/jew li ma jkunux għamluha faċli għall-aġent kummerċjali li jħallas bin-nifs l-infiq u l-ispejjeż li hu jkun sofra għat-twettiq tal-kuntratt ta' l-aġenzija fuq il-parir tal-prinċipal."

B – *Id-dritt Belġjan*

6. Id-Direttiva 86/653 ġiet trasposta fid-dritt Belġjan permezz tal-liġi tat-13 ta' April 1995 dwar il-kuntratt ta' aġenzija kummerċjali [4]. L-Artikolu 20 tagħha jipprovdi:

"Wara t-tmiem tal-kuntratt, l-aġent kummerċjali għandu dritt għal indennizz għat-tkeċċija meta huwa jkun ġab klijenti ġodda lill-prinċipal jew żviluppa b'mod kunsiderevoli n-negozju mal-klijentela eżistenti, sa fejn din l-attività għad trid tikseb vantaġġi sostanzjali lill-prinċipal.

Jekk il-kuntratt jipprevedi klawżola ta' nuqqas ta' kompetizzjoni, il-prinċipal huwa meqjus, ħlief fil-każ ta' prova kuntrarja, li jirċievi vantaġġi sostanzjali.

L-ammont tal-kumpens huwa stabbilit billi tittieħed inkunsiderazzjoni kemm l-importanza tal-iżvilupp tan-negozju kif ukoll tal-kontribut tal-klijentela.

L-indennizz ma jistax jeċċedi l-ammont ta' sena ta' remunerazzjoni, ikkalkolat permezz tal-medja tal-aħħar ħames snin jew, jekk it-tul tal-kuntratt kien ta' inqas minn ħames snin, tal-medja tal-aħħar snin preċedenti.[...]"

7. Skont l-Artikolu 21 tal-liġi tal-1995:

"Sa fejn l-aġent kummerċjali jkollu dritt għall-indennizz għat-tkeċċija prevista fl-Artikolu 20 u l-ammont ta' dan l-indennizz ma jkoprix id-dannu kollu realment subit, l-aġent kummerċjali jista', iżda bl-oneru li jipproduċi prova tal-portata tad-dannu allegat, minbarra dan l-indennizz, jikseb danni li jammontaw għad-differenza bejn l-ammont tad-dannu realment subit u dak ta' dan l-indennizz."

II – Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

8. Mill-elementi pprovduti lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li Quenon, li ġiet stabbilita fl-1997 sabiex issegwi l-attivitajiet ta' K. Quenon, saret l-aġent kummerċjali ta' Citibank u ta' Citilife mill-1 ta' Diċembru 1997 abbażi ta' żewġ kuntratti ta' aġenzija differenti. L-attivitajiet bankarji u ta' assigurazzjoni nġabru flimkien fi ħdan aġenzija unika u Quenon tħallset esklużivament mill-kummissjoni mħallsa, rispettivament, minn Citibank għall-bejgħ ta' prodotti bankarji u minn Citilife għall-bejgħ ta' prodotti ta' assigurazzjoni.

4 — *Moniteur belge* tat-2 ta' Ġunju 1995, p. 15621, iktar 'il quddiem il-"liġi tal-1995".

9. Fid-9 ta' Jannar 2004, Citibank temmet il-kuntratt ta' aġenzija li kien jorbotha ma' Quenon mingħajr preavviż u mingħajr ma indikat ir-raġunijiet għal dan. Hija ħallsitha indennizz għat-terminazzjoni ta' EUR 95268.30 kif ukoll indennizz għat-tkeċċija ta' EUR 203326.80. Citibank ipprojbixxiet lil Quenon milli tkompli tirrapreżentaha, milli tuża isimha u t-trade mark tagħha. Minn din id-data, Quenon ma kellhiex iktar aċċess għall-programm informatiku li kien jippermettilha torganizza l-portafoll tal-prodotti ta' assigurazzjoni ta' Citilife. Għaldaqstant, skont Quenon, kien *de facto* impossibbli għaliha li tkompli teżegwixxi l-kuntratt ta' aġenzija ta' assigurazzjoni.

10. Fl-20 ta' Diċembru 2004, Quenon ressqet lil Citibank u lil Citilife quddiem it-tribunal de commerce de Bruxelles u talbet il-kundanna tagħhom, individwalment jew *in solidum*, għall-ħlas, essenzjalment, ta' indennizzi ta' preavviż u għat-tkeċċija minħabba terminazzjoni ta' kuntratt ta' aġenzija ta' assigurazzjoni, ta' kumpens komplementari kif ukoll tal-kummissjonijiet relatati mat-tranżazzjonijiet konklużi wara li ntemm il-kuntratt ta' aġenzija.

11. Peress li r-rikors tagħha ġie miċħud permezz tad-deċiżjoni tat-8 ta' Lulju 2009, Quenon appellat quddiem il-qorti tar-rinviju, billi emendat is-somom mitluba fl-ewwel istanza.

12. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li Quenon sostniet, insostenn tal-appell tagħha, li l-ammont tal-indennizz għat-tkeċċija li tħallas lilha minn Citibank għat-terminazzjoni tal-kuntratt ta' aġenzija bankarja ma kienx suffiċjenti. Hija tqis li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-liġi tal-1995, l-indennizz ta' preavviż u ta' tkeċċija minħabba terminazzjoni *de facto* tal-kuntratt tagħha ta' aġenzija ta' assigurazzjoni kif ukoll id-dannu kollu subit minnha.

13. Il-konvenuti fil-kawża prinċipali jsostnu, min-naħa tagħhom, li din id-dispożizzjoni nazzjonali, fl-interpretazzjoni mogħtiha lilha minn Quenon, tmur kontra d-Direttiva 86/653 li ma tippermettix lill-Istati Membri sabiex jakkumulaw iż-żewġ sistemi ta' kumpens, jiġifieri s-sistema ta' indennizz u dik tal-kumpens għad-danni.

14. Għaldaqstant, skont il-qorti tar-rinviju jirriżultaw il-kwistjonijiet dwar jekk id-Direttiva 86/653 tistax tiġi interpretata fis-sens li timponi l-obbligu li jiġi kkumpensat id-dannu intier subit minn aġent kummerċjali u jekk, fin-nuqqas ta' tort minn naħa tal-prinċipal, l-Istati Membri jistgħux jipprevedu l-għoti ta' kumpens ta' tkeċċija ugwali għal massimu ta' sena ta' remunerazzjoni, eventwalment miżjud bid-dannu li jkopri d-differenza bejn l-ammont ta' dannu realment subit u dak ta' dan il-kumpens.

15. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Cour d'appel de Bruxelles iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"[1)] L-Artikolu 17 tad-[Direttiva 86/653] għandu jiġi interpretat bħala li jawtorizza lil-leġiżlatur nazzjonali jistabbilixxi li wara t-terminazzjoni ta' kuntratt, l-aġent kummerċjali għandu dritt għal kumpens għat-telf ta' klijentela li l-ammont tiegħu ma jistax jeċċedi l-ammont ta' remunerazzjoni dovuta lilu għal sena kif ukoll, jekk l-ammont ta' dan il-kumpens ma jkunx ikopri d-dannu kollu realment subit, għal danni li jammontaw għad-differenza bejn l-ammont tad-danni realment subiti u dak ta' dan il-kumpens?

[2)] B'mod iktar partikolari, l-Artikolu 17(2)(ċ) tad-[Direttiva 86/653] għandu jiġi interpretat bħala li jikkondizzjona l-għoti tad-danni li jikkumplementaw il-kumpens għat-telf ta' klijentela għall-eżistenza ta' nuqqas kuntrattwali jew kważi-delittwali min-naħa tal-prinċipal li jkollu rabta kawżali mad-danni mitluba, kif ukoll għall-eżistenza ta' dannu separat minn dak irrimedjat permezz tal-kumpens għat-telf ta' klijentela mħallas fil-forma ta' somma f'daqqa?

[3)] F'każ ta' risposta [fl-affermativ] għal din l-aħħar domanda, in-nuqqas għandu jkun differenti mit-terminazzjoni unilaterali tal-kuntatt, bħal pereżempju n-notifika insuffiċjenti ta' preavviż, l-għoti ta' kumpens insuffiċjenti għal nuqqas ta' preavviż jew għat-telf ta' klijentela, l-eżistenza ta' raġunijiet serji min-naħa tal-prinċipal, abbuż mid-dritt ta' terminazzjoni jew kull nuqqas ieħor, b'mod partikolari, fir-rigward tal-prattiki tas-suq?"

16. Quenon, Citibank, il-Gvernijiet tal-Belġju u tal-Ġermanja, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea lkoll ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

III – Analiżi

A – *Fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja*

17. Il-Kummissjoni għandha xi dubji dwar l-"ammissibbiltà" ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari. Hija ssostni li s-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 86/653, peress li l-attivitajiet bankarji u ta' assigurazzjoni li ġew imwettqa minn Quenon f'isem Citibank u Citilife jirrigwardaw provvista ta' servizzi u mhux "[i]l-bejgħ jew ix-xiri ta' merkanzija" li huma l-uniċi previsti fl-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva. Il-Gvern Ġermaniż, mingħajr ma ressaq eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, ressaq xi kunsiderazzjonijiet tal-istess tip.

18. Fl-opinjoni tiegħi, dawn id-dubji jistgħu jitneħħew faċilment.

19. Hekk kif enfasizzaw, qabel kollox, ġustament ħafna l-Gvern Ġermaniż u il-Kummissjoni, il-liġi tal-1995, li tittrasponi d-Direttiva 86/563 fl-ordinament ġuridiku Belġjan, tapplika, skont l-Artikolu 1[5] tagħha, mingħajr distinzjoni għall-aġenti kummerċjali inkarigati, f'isem il-prinċipali, kemm sabiex iwettqu x-xiri jew il-bejgħ tal-merkanzija, u kif ukoll il-provvista ta' servizzi.

20. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-għan ta' interpretazzjoni uniformi, kemm-il darba ddikjarat lilha nfisha kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar it-talbiet għal deċiżjoni preliminari li jirrigwardaw dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet fejn il-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienu jinsabu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, iżda fejn l-imsemmija dispożizzjonijiet kienu saru applikabbli permezz tad-dritt nazzjonali minħabba riferiment minn dan tal-aħħar għall-kontenut tagħhom[6].

21. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet intiżi sabiex jittrasponu d-Direttiva 86/653 fl-ordinament ġuridiku Belġjan, huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat li billi bbażat ruħha fuq is-soluzzjonijiet deċiżi fil-kawżi li taw lok għas-sentenzi Poseidon Chartering[7] u Volvo Car Germany[8], il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkunsidrat fis-sentenza Unamar[9], li, minkejja li d-domanda mressqa mill-qorti tar-rinviju ma kinitx tirrigwarda kuntratt ta' bejgħ jew ta' xiri tal-merkanzija, iżda kuntratt ta' aġenzija li jirrigwarda l-użu ta' servizz ta' trasport marittimu, xorta jibqa' il-fatt li, waqt it-traspożizzjoni fid-dritt intern tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva, il-leġiżlatur Belġjan iddeċieda li japplika trattament identiku lil dawn iż-żewġ tipi ta' sitwazzjonijiet.

22. Għalhekk, inqis li l-Qorti tal-Ġustizzja hija kompetenti sabiex tiddeċiedi fuq din it-talba għal deċiżjoni preliminari.

5 — Skont din id-dispożizzjoni, l-aġent kummerċjali huwa inkarigat min-"*negozjar u eventwalment il-konklużjoni ta' negozju* f'isem u għall-prinċipal" (il-korsiv miżjud minni).

6 — Ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi Dzodzi (C-297/88 u C-197/89, EU:C:1990:360, punt 36); SC Volksbank România (C-602/10, EU:C:2012:443, punt 86 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll Nolan (C-583/10, EU:C:2012:638, punt 45).

7 — C-3/04, EU:C:2006:176, punti 14 sa 17.

8 — C-203/09, EU:C:2010:647, punti 23 sa 26.

9 — C-184/12, EU:C:2013:663, punt 30.

B – *Fuq id-domandi preliminari*

23. Permezz tat-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tikseb ċerti kjarifiki dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 86/653. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja, f'diversi okkażjonijiet [10], intalbet sabiex tiddeċiedi dwar il-miżuri ta' kumpens li għandhom jiġu adottati mill-Istati Membri abbażi tal-Artikolu 17 ta' din id-direttiva, min-naħa l-oħra hija l-ewwel darba li ntalbet sabiex tiddeċiedi dwar il-portata tal-Artikolu 17(2)(ċ) li jipprovdi li "l-għotja ta' dan [l-indennizz għall-klijentela] m'għandiex iżżomm lill-aġent kummerċjali milli jfittex id-danni."

24. L-ewwel domanda preliminari tirrigwarda l-portata tal-azzjoni għad-danni intiża minn din id-dispożizzjoni (l-ewwel aspett). It-tieni u t-tielet domandi jirrigwardaw, min-naħa tagħhom, is-sistema ta' responsabbiltà li għaliha hija suġġetta jekk ikun il-każ, din l-azzjoni (it-tieni aspett).

1. L-ewwel aspett (l-ewwel domanda: portata u limiti tal-kumulu ta' indennizz għat-telf ta' klijentela u talba għad-danni abbażi tal-Artikolu 17(2)(ċ) tad-Direttiva 86/653

25. Għandu jitfakkar li l-Artikolu 17 tad-Direttiva 86/653 jagħmel parti mid-dispożizzjonijiet li, fl-ekonomija ġenerali ta' din id-direttiva, għandhom importanza determinanti, sa fejn jiddefinixxu l-livell ta' protezzjoni li l-leġiżlatur tal-Unjoni jqis li huwa raġonevoli li jagħti lill-aġenti kummerċjali fil-kuntest tal-ħolqien ta' suq uniku [11].

26. Hekk kif iddeċidiet ripetutament il-Qorti tal-Ġustizzja, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 17 tad-Direttiva 86/653 teħtieġ li jitfakkru l-għanijiet segwiti minn din id-direttiva.

27. F'dan ir-rigward, huwa paċifiku, wara s-sentenzi Bellone u Ingmar [12], li l-għan segwit minnha huwa doppju: fil-fatt jirrigwarda mhux biss il-protezzjoni tal-interessi tal-aġenti kummerċjali fir-relazzjonijiet tagħhom mal-prinċipali tagħhom (għan ta' protezzjoni tal-aġent kummerċjali), iżda wkoll li jippromwovi s-sigurtà tat-tranżazzjonijiet kummerċjali u li jiffaċilita l-iskambji bejn l-Istati Membri permezz ta' approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali (*għan ta' armonizzazzjoni għall-finijiet partikolari ta' ċertezza legali*).

28. Hekk kif qalet ġustament il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 17 tad-Direttiva 86/653, li jobbliga lill-Istati Membri sabiex jimplementaw mekkaniżmu ta' kumpens għad-danni lill-aġent kummerċjali wara t-terminazzjoni tal-kuntratt tiegħu, għandu jiġi interpretat permezz ta' dan l-għan doppju [13].

29. Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-Artikolu 17 tad-Direttiva 86/653 jaqa' taħt il-kuntest ta' totalità ta' dispożizzjonijiet ta' armonizzazzjoni li jgawdu natura kemm imperattiva u kif ukoll minima. Il-protezzjoni prevista mid-Direttiva għalhekk ma hijiex dovuta biss fuq l-Istati Membri, li jistgħu jipprovdu biss protezzjoni iktar b'saħħitha, iżda torbot ukoll lill-partijiet fil-kuntratt ta' aġenzija kummerċjali li ma jistgħux, qabel ma jiskadi l-kuntratt, jidderogaw minnu bi ħsara lejn l-aġent kummerċjali (ara l-Artikolu 19 tad-Direttiva 86/653).

10 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Ingmar (C-381/98, EU:C:2000:605); Poseidon Chartering (C-3/04, EU:C:2006:176); Honyvem Informazioni Commerciali (C-465/04, EU:C:2006:199); Semen (C-348/07, EU:C:2009:195); Volvo Car Germany (C-203/09, EU:C:2010:647), u Unamar (C-184/12, EU:C:2013:663).

11 — Ara s-sentenza (C-184/12, EU:C:2013:663, punt 39).

12 — Rispettivament, C-215/97, EU:C:1998:189, punti 13 u 17, kif ukoll C-381/98, EU:C:2000:605, punti 20 u 23.

13 — Sentenzi Semen (C-348/07, EU:C:2009:195, punti 14 u 31) kif ukoll Unamar (C-184/12, EU:C:2013:663, punt 37).

30. Xorta' jibqa' l-fatt li l-Artikolu 17 ta' din id-direttiva li huwa frott ta' kompromess, fid-dawl tal-approċċi diverġenti kkunsidrati s'issa fid-dritt tal-Istati Membri [14], jagħti lil dawn tal-aħħar l-għażla bejn żewġ soluzzjonijiet: jew is-sistema, ispirata mill-prassi Ġermaniża tal-*indennizz* determinat skont il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, jew il-mekkaniżmu, simili għal dak stabbilit fid-dritt Franċiż tal-*kumpens* tad-dannu skont kriterji ddefiniti fil-paragrafu 3 tal-istess artikolu. In-natura alternattiva ta' din is-sistema ta' kumpens ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja li indikat b'mod ċar li l-Artikolu 17 tal-imsemmija direttiva jipprojbixxi l-kumulu tal-għoti ta' indennizz previst fil-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u tal-kumpens ta' dannu previst fil-paragrafu 3 tal-istess artikolu [15].

31. Madankollu, fl-opinjoni tiegħi l-miżuri ta' armonizzazzjoni preskritti mill-Artikolu 17 tad-Direttiva 86/653, b'mod partikolari minħabba għan ta' uniformità tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni u ta' żieda fis-sigurtà tat-tranżazzjonijiet kummerċjali, huma intiżi biss sabiex jikkordinaw il-kundizzjonijiet tal-indennizz tal-aġent kummerċjali minħabba d-dannu ekonomiku li rriżulta direttament mill-ksur tar-rapport mal-prinċipal u, b'mod definittiv, mit-telf stess tal-klijentela.

32. Fi kliem ieħor l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-indennizz għall-aġenti kummerċjali li tirriżulta minn din id-direttiva ma hijiex eżawrjenti sa fejn tipprevedi l-indennizz għat-tkeċċija msejħa "tal-klijentela". Hija ma hijiex intiża sabiex tirregola t-totalità tal-possibbiltajiet ta' kumpens għad-danni subiti mill-aġenti kummerċjali abbażi tad-drittijiet tar-responsabbiltà delittwali jew kuntrattwali tal-Istati Membri. B'hekk, l-aġenti mkeċċija jżommu l-possibbiltà li jinvokaw, abbażi tad-dritt nazzjonali applikabbli, ir-responsabbiltà tal-prinċipali tagħhom bil-għan li jiksbu kumpens għal dannu distint minn dak kopert mill-indennizz kumpensatorju minħabba telf tal-klijentela previst fl-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 86/653.

33. F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat li, għalkemm is-sistema stabbilita mill-Artikolu 17 tad-Direttiva hija mandatorja u stabbilixxiet kuntest, madankollu hija ma tagħtix indikazzjonijiet dettaljati għal dak li jirrigwarda l-metodu ta' kalkolu tal-indennizz għal terminazzjoni ta' kuntratt. Għaldaqstant, fi ħdan il-kuntest iddefinit minn din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri jiddisponu minn ċerta marġni ta' diskrezzjoni [16].

34. Fl-opinjoni tiegħi, dan japplika kemm fir-rigward tal-modalitajiet effettivi ta' kalkolu tal-indennizz previst fl-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 86/653, peress li l-punt (b) ta' din id-dispożizzjoni tillimita ruħha għad-determinazzjoni tal-ammont massimu, fir-rigward tal-artikolazzjoni eventwali tiegħu ma' talba għad-danni, kif previst fil-punt (ċ) ta' din l-istess dispożizzjoni. Hekk kif irrilevat il-Kummissjoni fir-rapport tagħha tal-1996, l-Artikolu 17(2)(ċ) tad-Direttiva 86/653 jirregola s-sitwazzjonijiet fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħti lill-aġent id-dritt sabiex jikseb kumpens għat-terminazzjoni tal-kuntratt jew għal nuqqas ta' osservanza tal-perijodu ta' preavviż previst minn din id-direttiva.

35. Hekk kif diġà ġie enfasizzat [17], l-indennizz previst fl-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 86/653 għandu skop essenzjalment retributtiv mill-perspettiva tal-aġent kummerċjali. Fil-fatt, mill-kundizzjonijiet tal-għoti tal-indennizz previsti mid-Direttiva 86/653 (l-eżistenza ta' kontribuzzjoni ta' klijentela jew l-iżvilupp sensittiv ta' tranżazzjonijiet ma' klijenti eżistenti mill-aġent kummerċjali, is-sussistenza ta' vantaġġi sostanzjali għall-prinċipal wara t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' aġenzija, assenza ta' ċirkustanzi ta' esklużjoni tad-dritt għal indennizz previsti fl-Artikolu 18 ta' din id-direttiva), jirriżulta li dan l-indennizz, attwalment imsejjaħ "indennizz minħabba telf ta' klijentela", jipprevedi, qabel kollox,

14 — Ara r-rapport tal-1996, p. 1. Għal perspettiva iktar kompleta tal-approċċi kkunsidrati mill-Istati Membri, ara de Theux, A., *Le statut européen de l'agent commercial – Approche critique de droit comparé*, Facultés universitaires Saint-Louis, 1992, b'mod partikolari p. 280 *et seq*.

15 — Sentenzi Honyvem Informazioni Commerciali (C-465/04, EU:C:2006:199, punt 20) u Semen (C-348/07, EU:C:2009:195, punt 15).

16 — Sentenzi Ingmar (C-381/98, EU:C:2000:605, punt 21); Honyvem Informazioni Commerciali (C-465/04, EU:C:2006:199, punti 34 u 35); Semen (C-348/07, EU:C:2009:195, punt 18), kif ukoll Unamar (C-184/12, EU:C:2013:663, punt 40).

17 — Ara, b'mod partikolari, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-kawża Honyvem Informazioni Commerciali (C-465/04, EU:C:2005:641, punti 14 sa 19), u tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Volvo Car Germany (C-203/09, EU:C:2010:315, punt 50).

ir-retribuzzjoni lill-aġent għall-isforzi mwettqa minnu sa fejn il-prinċipal jibqa' jibbenefika mill-vantaġġi ekonomiċi li rriżultaw mill-imsemmija sforzi anki wara t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' aġenzija, u, simultanjament, jevita sitwazzjonijiet ta' arrikkiment indebitu jew ta' aġir opportunist fil-mument tat-terminazzjoni tal-kuntratt. Fl-assenza ta' obbligu ta' indennizz tal-aġent fi tmiem il-kuntratt ta' aġenzija, il-prinċipal ikun jista' – mingħajr ma jkollu jagħti l-ebda ħlas lill-aġent kummerċjali – jkompli jibbenefika mill-gwadann li għalih ikkontribwixxa l-aġent kummerċjali b'xi mod jew ieħor permezz tal-attività tiegħu.

36. Għaldaqstant, id-dritt għal indennizz, hekk kif previst mid-Direttiva 86/653, ma jkoprix it-totalità tad-danni kkawżati lill-imsemmi aġent fl-okkażjoni tat-terminazzjoni tar-relazzjonijiet tiegħu mal-prinċipal, iżda jkopri biss dawk ikkawżati direttament mit-telf ta' klijentela.

37. B'hekk seta' jiġi enfasizzat li s-sistema ta' kumpens prevista fl-Artikolu 17(3) ta' din id-direttiva, li ma hijiex unikament marbuta mat-telf ta' klijentela u li ma hijiex limitata fir-rigward tal-ammont tagħha, kienet tinkludi t-totalità tad-danni subiti mill-aġent u setgħet, fir-rigward ta' ċerti aspetti, tidher bħala iktar favorevoli lejn l-aġent kummerċjali [18].

38. Għaldaqstant, fl-opinjoni tiegħi, il-limitu stabbilit fl-Artikolu 17(2)(b) tad-Direttiva 86/653, jiġifieri ta' sena ta' remunerazzjoni, jirrigwarda biss l-indennizz għat-telf ta' klijentela u ma jillimitax il-kumpens li jrid ikollu għan differenti minn dan l-indennizz. Għaldaqstant ma jistax jiġi eskluż, hekk kif previst fl-Artikolu 17(2)(ċ) ta' din id-direttiva, li, minbarra din ir-retribuzzjoni, l-aġent kummerċjali jista' jitlob kumpens intiż sabiex ikopri dannu awtonomu. Għalkemm, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-armonizzazzjoni li tirriżulta mill- 17 tal-imsemmija direttiva, il-kumulu ta' żewġ azzjonijiet li t-tnejn li huma jkunu intiżi li jikkumpensaw dannu li jirriżulta mit-telf ta' klijentela ma huwiex possibbli, għandu jiġi ammess li żewġ azzjonijiet li għandhom bħala għan il-kumpens għal danni distinti, jistgħu jeżistu flimkien.

39. Barra minn hekk, mill-kliem u l-istruttura tal-Artikolu 17 tad-Direttiva 86/653 jidhirli li jirriżulta b'mod ċar biżżejjed li l-azzjoni għal kumpens prevista fl-Artikolu 17(2)(ċ) tal-imsemmija direttiva hija prevista sabiex eventwalment tissupplimenta l-għoti ta' indennizz u ma hijiex, bħala tali, prevista mil-limitu impost tal-ammont ta' indennizz għat-tkeċċija previst mill-punt (b) ta' dan l-istess paragrafu. Hekk kif semmiet Quenon, mix-xogħlijiet preparatorji tad-Direttiva 86/653 jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni finalment iddeċieda li ma jiħux inkunsiderazzjoni l-parti tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni li pprevediet il-limitu tal-indennizz bħala assolut [19].

40. Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li meta l-Istati Membri jagħżlu waħda mill-possibbiltajiet previsti f'dan l-Artikolu 17, l-indennizz għat-tkeċċija ma jistax ikun ugwali jew ogħla minn dak li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-paragrafu 2 tal-istess artikolu [20]. L-użu tal-kelma "ogħla" jindika li l-armonizzazzjoni mwettqa mid-Direttiva 86/653 hija minima u li l-Istati Membri għandhom għaldaqstant il-possibbiltà li jipprovdu, minbarra l-indennizz speċifiku previst f'din id-dispożizzjoni, azzjoni għal kumpens konformement mal-punt (ċ) tal-imsemmija dispożizzjoni [21].

41. Dan għandu jkun il-każ b'mod partikolari meta l-aġent kummerċjali, indipendentement mir-retribuzzjoni li huwa kiseb għall-kontribuzzjoni jew il-konsolidazzjoni tal-klijentela eżistenti mingħand il-mandant u minħabba t-telf ta' remunerazzjoni futura kkawżat bit-telf tal-imsemmija klijentela, li għalih għandu dritt abbażi tal-hekk imsejjaħ kuntratt ta' aġenzija, iqis li subixxa dannu

18 — Ara, b'mod partikolari, Gardiner, C., "Compensation commercial agents under the Commercial Agents Directive – Uncertainty continues", *Commercial Law Practitioner*, 2006, 8, p. 195.

19 — Ara l-Artikoli 28, 30 u 31 tal-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni tad-drittijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-aġenti kummerċjali (indipendenti), ippreżentata mill-Kummissjoni lill-Kunsill fis-17 ta' Diċembru 1976 (ĠU 1977, C 13, p. 2).

20 — Sentenza Honyvem Informazioni Commerciali (C-465/04, EU:C:2006:199, punt 32).

21 — Hekk kif diġà indikajt fil-konklużjonijiet tiegħi fis-sentenza Unamar (C-184/12, EU:C:2013:301, punt 52), il-mekkaniżmu previst mid-Direttiva 86/653 huwa intiż biss sabiex jiżgura li l-aġent kummerċjali jibbenefika minn *kumpens minimu* u ma jippreġudikax il-possibbiltà għall-Istati Membri li jipprovdu kumpens supplementari fil-leġiżlazzjonijiet tagħhom.

partikolari simultanjament mat-terminazzjoni tal-kuntratt. L-imsemmi Artikolu 17 ma jipprekludix lill-aġent kummerċjali milli jinvoka, kontra l-prinċipal, drittijiet għal kumpens supplimentari sabiex jikseb il-kumpens għad-dannu materjali jew mhux materjali li jmur lil hinn mid-dritt għal indennizz wara li jkun sar il-kuntratt. B'hekk ġew invokati, bħala eżempju ta' dannu distint reparabbli fil-kuntest ta' talba għad-danni ppreżentata bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(3)(ċ) tad-Direttiva 86/653, l-ispejjeż ta' investiment esposti mill-aġent li ma ġewx ammortizzati, l-indennizz għal preavviż dovut lill-persunal imkeċċi u wkoll l-ispejjeż marbuta mal-kuntratt ta' kiri u ta' leasing [22].

42. Barra minn hekk dan jidher li huwa l-każ fil-kawża prinċipali, fejn jirriżulta li t-terminazzjoni mill-ewwel tal-kuntratt ta' aġenzija bankarja konkluż bejn Quenon u l-kumpanniji konvenuti wasslet sabiex, *de facto*, l-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' aġenzija fil-qasam tal-assigurazzjoni saret impossibbli. F'dan il-każ, id-dannu li tinvoka Quenon jista' jiġi analizzat bħala wieħed li ma huwiex intiż biss għall-kisba ta' kumpens għad-dannu li rriżulta direttament mit-terminazzjoni tal-kuntratt ta' aġenzija bankarja u mit-telf ta' gwadann futur, iżda li huwa intiż ukoll għall-kumpens għad-dannu indirettament ikkostitwit mill-impossibbiltà li jiġi eżegwit il-kuntratt ta' aġenzija fil-qasam tal-assigurazzjoni u mid-danni kollaterali kkawżati min-nuqqas ta' osservanza tat-terminu ta' preavviż.

43. Madankollu, għandu jiġi ppreċiżat li l-azzjoni li tista' tintuża abbażi tal-Artikolu 17(2)(ċ) tad-Direttiva 86/653, ma għandhiex, ħlief sabiex tinħoloq sitwazzjoni ta' kumpens finanzjarju żejjed għall-benefiċċju tal-aġent kuntrarju għall-għanijiet segwiti minn din id-direttiva, tevita r-regola ta' antikumulu stabbilita mill-ġurisprudenza. Barra minn hekk, id-dannu allegat kopert minn din l-azzjoni għandu jkun distint sew minn dak kopert mill-indennizz. Li jiġi ammess li l-kumpens supplimentari previst minn din id-dispożizzjoni jista' wkoll jikkumpensa t-telf ta' remunerazzjoni futura jkun ifisser, barra minn hekk, li jkun qed jinkiser il-limitu tal-ammont ta' indennizz għat-tkeċċija previst mid-Direttiva 86/653.

44. Bħala konklużjoni, l-Artikolu 17 tad-Direttiva 86/653 ma għandux jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi, fil-każ ta' terminazzjoni ta' kuntratt ta' aġenzija, li l-aġent għandu dritt, minbarra għall-għoti ta' indennizz minħabba telf ta' klijentela li l-ammont tiegħu ma jistax jaqbeż iktar minn sena ta' remunerazzjoni tal-aġent, ukoll għall-għoti ta' kumpens biex jiġi kopert id-dannu realment subit u mhux kopert minn dan l-indennizz.

45. Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-kumpens jistax, meta jiġi akkumulat mal-indennizz minħabba telf ta' klijentela, jaqbeż l-ammont massimu stabbilit fl-Artikolu 17(2)(b) tad-Direttiva jew le, jidhirli li huwa suffiċjentement ċar li l-limitu stabbilit minn din id-dispożizzjoni jirrigwarda biss l-indennizz minħabba telf ta' klijentela u ma jillimitax l-ammont tal-kumpens supplimentari li għandu għan differenti minn dak ta' dan l-indennizz. Peress li din l-azzjoni tipprevedi dannu distint minn dak kopert mill-indennizz għal telf ta' klijentela, ma jistax jiġi eskluż li l-ammont totali tas-somom irkuprati mill-aġent kummerċjali jistgħu jaqbżu dan il-limitu.

46. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, nipproponi li r-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 17 tad-Direttiva 86/653 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li, wara t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' aġenzija, l-aġent kummerċjali għandu dritt għal indennizz għat-telf ta' klijentela li l-ammont tiegħu ma jistax jaqbeż l-ammont ta' sena ta' remunerazzjoni kif ukoll, jekk l-ammont ta' dan l-indennizz ma jkoprix it-totalità tad-dannu realment subit, għad-danni.

22 — Crahay, P., "La rupture du contrat d'agence commerciale", *Les dossiers du Journal des tribunaux*, Nru 65, Larcier 2008.

2. It-tieni aspett (it-tieni u t-tielet domandi): rekwiżit ta' nuqqas u kwalifika tal-imsemmi nuqqas fid-dawl tal-għoti ta' kumpens

47. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq issir taf jekk, fil-kuntest tal-azzjoni għal kumpens tad-dannu skont l-Artikolu 17(2)(ċ) tad-Direttiva 86/653, huwiex meħtieġ, minn naħa, li jintwera nuqqas min-naħa tal-prinċipal li jkollu rabta kawżali mad-dannu allegat u, min-naħa l-oħra, l-eżistenza ta' dannu distint minn dak ikkumpensat mill-indennizz minħabba telf tal-klijentela.

48. Ir-risposta għal din id-domanda ma tidhirx li hija daqshekk evidenti. Hekk kif ġie enfasizzat minn Quenon, mill-Gvern Belġjan u l-Gvern Ġermaniż kif ukoll mill-Kummissjoni, din id-direttiva ma fiha l-ebda preċiżazzjoni dwar is-sistema ta' responsabbiltà applikabbli fil-kuntest tal-azzjonijiet għal kumpens mibdija mill-aġent kummerċjali abbażi tal-Artikolu 17(2)(ċ) tad-Direttiva 86/653.

49. Bla ħsara għall-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, l-Istati Membri huma għaldaqstant liberi li jiddeterminaw, fil-kuntest iddefinit mill-imsemmija direttiva, il-kundizzjonijiet applikabbli għal azzjoni għal kumpens, bħall-ħtieġa ta' nuqqas, in-natura kkwalifikata jew le tal-imsemmi nuqqas, u l-firxa tad-dannu kumpensabbli.

50. Min-naħa l-oħra, hekk kif diġà semmejt preċedentement, id-dannu invokat abbażi ta' dan it-titolu għandu, ħlief meta jiġi injorat il-fatt li ż-żewġ possibbiltajiet previsti mid-Direttiva ma jistgħux japplikaw b'mod kumulattiv, ikun distint minn dak li jirriżulta direttament mit-terminazzjoni tal-kuntratt u li huwa diġà kopert mill-indennizz għat-telf ta' klijentela.

51. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar in-natura u l-importanza tan-nuqqas meħtieġ fil-kuntest ta' azzjoni għal kumpens abbażi tal-Artikolu 17(2)(ċ) tad-Direttiva 86/653.

52. Fid-dawl tar-risposta mogħtija għat-tieni domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tielet domanda.

IV – Konklużjoni

53. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi magħmula mill-Cour d'appel de Bruxelles:

L-Artikolu 17 tad-Direttiva 86/653/KEE tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 1986, dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membru li jirrigwardaw aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom, ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li, wara t-terminazzjoni ta' kuntratt, l-aġent kummerċjali għandu dritt għal indennizz għat-telf ta' klijentela li l-ammont tiegħu ma jistax jaqbeż l-ammont ta' sena ta' remunerazzjoni kif ukoll, jekk l-ammont ta' dan l-indennizz ma jkoprix it-totalità tad-dannu realment subit, talba għad-danni.

L-Artikolu 17(2)(ċ) tad-Direttiva 86/653 għandu jiġi interpretat fis-sens li jissuġġetta l-għoti ta' kumpens supplimentari għall-indennizz għat-telf ta' klijentela għall-eżistenza ta' dannu distint minn dak ikkumpensat minn dan l-indennizz, iżda mhux għall-eżistenza ta' nuqqas, ta' natura kuntrattwali jew kważi delittwali, min-naħa tal-prinċipal li jkollu rabta kawżali mad-dannu allegat.